# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2020.**

**Numru 1**

**Rikors numru 15/2019JZM**

**Francesco Tomaselli bħala mandatarju speċjali tal-assenti Davide Sapienza**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. Rat illi permezz ta' rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2019 minn Francesco Tomaselli (detentur tal-karta tal-identità Taljana AV7460278) bħala mandatarju speċjali tal-assenti Davide Sapienza (detentur tal-karta tal-identità Taljana AR0599414) quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ġie premess illi:

*“Illi fit-18 ta’ Dicembru, 2013, Davide Sapienza li huwa cittadin Taljan, tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja akkuzat bi traffikar tal-pjanta cannabis u pussess aggravat tal-pjanta cannabis u tad-droga kokajina.*

*“Illi fil-mori ta’ l-istruttorja gew esibiti mill-prosekuzzjoni zewg vetturi, wahda ta’ l-ghamla Citroen Sazo targata AG254BE u l-ohra ta’ l-ghamla Ferrari 360 targata BG247NS, sitt mobile phones, tlieta tal-mudell iPhone 4, wiehed tal-mudell Samsung S3 u tnejn tal-mudell Samsung SG 3005, laptop ta’ l-ghamla Toshiba u flus kontanti fl-ammont ta’ sebat-elef tlett mija u tletin ewro (€ 7,330). Dawn l-oggetti huma kollha proprjetà ta’ Davide Sapienza. Il-flus kontanti kienu, fi zmien meta gew elevati, proprjetà ta’ Edimar Kleiton Dos Santos Silva. Peress li t-talba tieghu sabiex jiehu dawn il-flus lura giet michuda, l-ammont imsemmi gie saldat mill-esponent fil-mori tal-proceduri.*

*“Illi fil-15 ta` Marzu, 2014, l-esponent gie awtorizzat mill-Qorti Kriminali sabiex isiefer gewwa pajjizu l-Italja. Waqt li kien l-Italja, l-esponent ipprevalixxa ruhu mid-dritt li jigi processat ghar-reati msemmija a bazi ta’ l-artikolu 9 tal-Kodici Penali Taljan. Huwa gie infatti kkundannat ghal tlett (3) snin rekluzjoni permezz ta’ sentenza tat-Tribunale di Roma tat-22 ta` Mejju, 2018.*

*“Illi permezz ta’ rikors ta’ l-14 ta` Settembru, 2018, Davide Sapienza talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja sabiex, inter alia, tiddikjara l-azzjoni kriminali hawn Malta fil-konfront tieghu estinta fid-dawl tal-principju tan-ne bis in idem. Permezz ta’ decizjoni ta’ l-20 ta’ Settembru, 2018, dik il-Qorti, wara rat ir-risposta mhux oppozitorja ta’ l-Avukat Generali ta’ l-istess gurnata, laqghet it-talbiet kontenuti fir-rikors ta’ Davide Sapienza ta’ l-14 ta` Settembru, 2018, naturalment inkluz it-talba dwar l-estinzjoni ta’ l-azzjoni kriminali.*

*“Illi permezz ta’ rikors ta’ l-24 ta’ Ottubru, 2018, Davide Sapienza talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja sabiex tawtorizzah jirtira l-oggetti proprjetà tieghu msemmija iktar `il fuq. Permezz ta’ risposta tad-29 ta’ Ottubru, 2018, l-Avukat Generali oggezzjona ghat-talba ta’ Davide Sapienza u, addirittura, talab lill-Qorti tghaddi ghall-konfiska ta’ l-imsemmija oggetti. Huwa invoka is-subinciz (3) ta’ l-artikolu 23C tal-Kodici Kriminali in sostenn tat-talba tieghu.*

*“Illi fil-5 ta’ Novembru, 2018, wara li rat ukoll ir-risposta ta’ Davide Sapienza tat-2 ta’ Novembru, 2018, cahdet it-talba ta’ l-esponent ta’ l-24 ta’ Ottubru, 2018 u laqghet il-kontro-talba ta’ l-Avukat Generali u ordnat il-konfiska ta’ l-oggetti msemmija.”*

Abbażi ta' dawn il-premessi r-rikorrent nomine allega li l-provvediment mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti istruttorja tal-5 ta' Novembru 2018 jikser id-dritt ta' Davide Sapienza skont:

i. **l-artikolu 4 tas-seba' protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** inkwantu t-talba tal-Avukat Ġenerali għall-konfiska tal-oġġetti eżebiti appartenenti lilu kienet allegatament intiża sabiex jingħata piena ulterjuri għal reati li kien diġa` issentenzjat fl-Italja għalihom;

ii. **mill-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** inkwantu l-artikolu 23C(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li abbażi tiegħu ntalbet il-konfiska, daħal fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 2015, ossija wara li r-reati addebitati lilu;

iii. **mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** stante li kien prekluż milli jintavola rikors a tenur tal-artikolu 22C tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex juri l-allegata provenjenza leċita tal-oġġetti in kwistjoni u jirriprendi l-pussess tagħhom peress li huwa la kien misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti istruttorja u lanqas ma kien terza persuna msemmija fl-artikolu 22(3A)(d) tal-istess Ordinanza; u

iv. **mill-artikolu 1 ta' l-ewwel protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea** inkwantu minkejja l-estinzjoni tal-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, ġiet ordnata l-konfiska ta' diversi oġġetti appartenenti lilu.

Ir-rikorrent *nomine* talab dikjarazzjoni li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-imsemmija disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront ta' Davide Sapienza. Talab ukoll lill-Qorti tagħtih rimedju, inkluż l-għoti ta' danni materjali u dawk mhux pekunarji kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, bl-ispejjeż kontra l-intimat.

2. Rat illi permezz ta' risposta ppreżentata fit-28 ta' Frar 2019, l-intimat Avukat Ġenerali sostanzjalment wieġeb illi: ir-rikorrent għandu jġib prova tat-titolu tiegħu fuq l-oġġetti in kwistjoni; il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u Konvenzjonali tagħha stante rimedji ordinarji li r-rikorrent allegatament kellu a dispożizzjoni tiegħu; u fil-mertu, l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Għalhekk talab lill-Qorti tiċħad il-pretensjonijiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kollha kontrih.

3. Rat illi b'sentenza mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2019 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) ddeċidiet billi:-

(i) laqgħet *in parte* l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali billi sabet illi ma rriżultatx prova sodisfaċenti li l-flus kontanti u l-laptop tal-marka Toshiba huma proprjeta` ta' Davide Sapienza iżda ċaħdet l-istess eċċezzjoni fir-rigward tal-bqija tal-oġġetti mobbli li kienu konfiskati bil-provvediment mogħti fil-5 ta' Novembru 2018 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef v. Davide Sapienza)*" (Kumpilazzjoni Nru. 1247/2013) billi mill-provi kienet sodisfatta li dawn l-oġġetti kienu jappartjenu lil Davide Sapienza;

(ii) ċaħdet it-tieni (2) eċċezzjoni tal-intimat u pprosegwiet bl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha billi ma ġiex pruvat li r-rikorrent kellu rimedji oħra a dispożizzjoni tiegħu;

(iii) ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat fil-mertu;

(iv) laqgħet l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet u b' hekk sabet illi l-provvediment mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef) v. Davide Sapienza*** kiser id-drittijiet ta' Davide Sapienza sanċiti: fl-artikolu 4 tas-seba' protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; fl-artikolu 7 tal-

Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u fl-artikolu 1 ta' l-ewwel protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea;

(v) laqgħet il-ħames talba u ordnat:

*"Fl-ewwel lok, tordna t-thassir tal-provvediment moghti fil-5 ta' Novembru 2018 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef vs Davide Sapienza" (Kumpilazzjoni Nru. 1247/2013);*

*"Fit-tieni lok, tordna lill-intimat, sabiex sa zmien xahar mil-lum, irodd lir-rikorrent noe: il-vettura Citroen Saxo numru ta' registrazzjoni AG 254 BE, it-tliet mobile phones tal-mudell iPhone 4, il-mobile phone tal-mudell Samsung S3 u z-zewg mobile phones Samsung SG 3005 fuq riferiti;*

*"Fit-tielet lok, tillikwida favur ir-rikorrent noe s-somma komplessiva ta' sebghin elf Ewro (€70,000) in kwantu ghal hamsa u sittin elf Ewro (€65,000) in linea ta' danni materjali, u in kwantu ghal hamest elef Ewro (€5,000) in linea ta' danni morali, ghall-vjolazzjonijiet subiti minn Davide Sapienza tal-jeddijiet fondamentali tieghu kif imharsa bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, skont l-ewwel (1) it-tieni (2) it-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet;*

*"Fir-raba' lok, tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent noe s-somma hekk likwidata fl-ammont komplessiv ta' sebghin elf Ewro (€70,000).*

*"Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza."*

4. B'rikors preżentat fit-23 ta' Diċembru 2019 l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza limitatament għal dik il-parti dwar il-kumpens. Talab lil din il-Qorti:

*"tirriforma s-sentenza appellata tas-16 ta' Diċembru 2019 billi tħassarha u tirrevokaha limitatament f'dik il-parti fejn illikwidat kumpens komplessiv ta' 70,000 euro, tikkonfermaha fil-bqija u minflok tillikwida kumpens ferm anqas minn dak li ġie stabbilit mill-Ewwel Onorabbli Qorti"*

5. L-appellat *nomine* wieġeb li s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-16 ta' Diċembru 2019 għandha tiġi kkonfermata u l-appell tal-Avukat Ġenerali miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

**Ikkunsidrat:**

6. L-appell tal-Avukat Ġenerali mis-sentenza fl-ismijiet premessi tas-16 ta' Diċembru 2019 huwa limitat għall-kumpens likwidat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ammont ta' €70,000 rappreżentanti €65,000 danni materjali u €5,000 danni morali għall-vjolazzjonijiet subiti.

<u>Danni pekunarji</u>

7. Id-danni pekunarji likwidati mill-Ewwel Qorti jirreferu għall-valur ta' Ferrari 360 Modena li, fost oġġetti oħra, kienet ġiet ikkonfiskata bil-provvediment tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tal-5 ta' Novembru 2018 fil-proċeduri ***Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef) v. Davide Sapienza*** (Kumpilazzjoni Nru. 1247/2013).

8. Fir-rigward ta' dawk l-oġġetti li kienu konfiskati bid-digriet tal-Qorti u li dwarhom tressqet prova sodisfaċjenti li jappartjenu lir-rikorrent, l-ewwel Qorti ordnat ir-restituzzjoni tal-mobbli. Madankollu l-vettura Ferrari 360 Modena bin-numru BG 247NS ma setgħetx tingħata lura lis-sid għaliex fil-15 ta' Awwissu 2019, jiġifieri waqt li kienet pendenti din il-kawża, l-*Asset Recovery Bureau* f'Malta biegħet il-vettura f'irkant li sar fir-Renju Unit. Għalhekk l-ewwel Qorti setgħet tagħti biss kumpens.

9. Fir-rigward l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> *"Fil-likwidazzjoni li sejra taghmel, il-Qorti mhux se tkun kondizzjonata bil-fatt li minkejja l-valutazzjoni ta' Peter Bonnici fl-ammont ta' €55,000, il-Ferrari nbieghet bl-irkant ghal GBP 33,150 (kif jirrizulta mid-dokumenti li pprezenta Natalino Agius). Tghid dan ghaliex xejn ma kien izomm lill-ARD milli tistabilixxi ghall-bejgh bl-irkant prezz minimu li kien iqarreb lejn il-valutazzjoni ta' Peter Bonnici. Jekk l-ARD kienet kuntenta taccetta li l-vettura tbiegh ghal prezz inferjuri, dak riskju li ghazlet ARD li tiehu, u li ghalih tkun trid terfa' responsabilità.*
>
> *"**Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li d-danni materjali subiti minn Davide Sapienza minhabba l-lezjonijiet accertati relattivament ghall-Ferrari ghandhom ikunu fl-ammont ta' €65,000.**"*

10. Fl-aggravju tiegħu, l-appellant jikkontendi li l-Qorti tal-Prim' Istanza naqset milli tikkunsidra diversi fatturi meta illikwidat il-kumpens tal-imsemmija vettura Ferrari, ossija:

(i) illi mill-provi prodotti effettivament jirriżulta li l-vettura in kwistjoni ma kinitx tappartjeni lil Davide Sapienza iżda kienet biss imwillija lilu minn kumpanija Taljana bl-isem BPU ESALEASING Spa;

(ii) Natalino Agius, li tqabbad mir-rikorrent biex jagħti stima tal-Ferrari in kwistjoni u vvalutaha fis-somma ta' €80,000, qatt ma eżamina l-vettura personalment;

(iii) is-somma finali li effettivament għaddiet għand il-Gvern Malti għal bejgħ tal-vettura wara li tnaqqsu l-ispejjeż relatati mal-bejgħ tal-istess kienet €28,711.98.

11. Fir-rigward tal-ewwel parti tal-lanjanza tal-appellant, huwa ta' riljev il-fatt li l-kwistjoni tat-titolu tal-Ferrari 360 Modena mertu ta' dawn il-proċeduri ġiet indirizzata mill-ewwel Qorti fil-parti tas-sentenza fejn ikkunsdirat l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat. Il-Qorti kienet sodisfatta li l-vettura Ferrari 360 Modena, kienet proprjeta` tar-rikorrent. **L-intimat m'appellax minn dik il-parti tas-sentenza u għalhekk hi ġudikat.**

12. Lanqas ma sar appell minn dik il-parti tas-sentenza li iddeċidiet li d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tal-5 ta' Novembru 2018, huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija.

13. L-appell tal-Avukat Ġenerali limitat biss għall-kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti u fil-fatt talab li s-sentenza appellata tinbidel sabiex:-

(i) filwaqt li din tiġi mħassra fejn ġie llikwidat kumpens lir-rikorrent fis-somma komplessiva ta' €70,000;

(ii) tikkonfermata fil-bqija; u

(iii) minflok jiġi likwidat kumpens ferm anqas minn dak stabbilit mill-Ewwel Qorti.

14. Ladarba l-appellant ma appellax minn dik il-parti tas-sentenza referibbli għall-ewwel eċċezzjoni tiegħu, ossija dik il-parti tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-16 ta' Diċembru 2019 fejn ġie deċiż illi r-rikorrent ġab prova li l-Ferrari 360 Modena in kwistjoni tappartjeni lilu, l-appellant m'għandux jedd jilmenta li '*l-fatt li Davide Sapienza mhuwiex sid il-vettura Ferrari ... kellu jittieħed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti meta ġiet biex illikwidat il-kumpens.'*

15. F'kull każ, dak allegat mill-appellant ma jirriżultax sostanzjat. Skont *Certificato di Proprjetà* maħruġ mill-Pubblico Reġistro Automobilistico fl-Italja datat 24 ta' Ottubru 2013,[1] Davide Sapienza kien jirriżulta reġistrat bħala l-proprjetarju tal-imsemmija Ferrari 360 Modena targata BG247NS u dan wara li Sapienza xtara l-vettura in kwistjoni bi ftehim ta' '*leasing in pagamento per acquisto* autovettura' fis-16 ta' Mejju 2008.[2]

16. Min-naħa tiegħu, l-appellant ma ressaq l-ebda prova konkreta in sostenn tal-allegazzjoni li din il-vettura kienet iżda proprjeta` ta' BPU

[1] 'Dok A' a fol. 241 tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja
[2] Fol. 242 et seq tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja

ESALEASING Spa u biss mikrija lil Davide Sapienza. **Dok ARB1**'[3] eżebit minn Brian Farrugia, Direttur tal-*Asset Recovery Bureau* f'Malta hija biss korrispondenza bl-email mal-*Asset Recovery Bureau* fl-Italja. Huwa minnu li f'dawk l-emails l-*Asset Recovery Bureau* fl-Italja tgħid li '*the owner of the mentioned in your request is BPU ESALEASING Spa';* li '*the car has been rent to SAPIENZA Davide';* kif ukoll li *'in the cars register, it results a complaint for misappropriation on 07.09.2017 but there is no trace of this complaint in our Police database'*. Madanakollu, l-*email* waħidha mhix biżżejjed biex teraqdika ċ-ċertifikat ta' proprjetà maħruġ mill-*Pubblico Registro Automobilistico* Taljan rigwardanti l-vettura Ferrrari mertu ta' dawn il-proċeduri u li fuqu straħet l-Ewwel Qorti biex waslet għall-konklużjonijiet tagħha. Din il-Qorti ma tistax abbażi t'hekk tasal għall-konklużjoni li l-Prim' Istanza żbaljat fl-apprezzament tal-provi, kif pretiż mill-appellant.

17. Sorvolat dan irid jitqies jekk, fil-kuntest tal-evidenza in atti, hijiex eċċessiva s-somma ta' €65,000 likwidata mill-Ewwel Qorti bħala kumpens għat-telf tal-imsemmija Ferrari 360 Modena. L-appellant jikkontendi li l-Qorti kellha tistrieħ fuq l-istima li saret mis-surveyor imqabbad mill-*Asset Recovery Bureau*, Peter Bonnici, peress li kien biss hu li ra l-vettura qabel inbiegħet. Natalino Agius, mqabbad mir-rikorrent

[3] Fol. 74 tal-proċess odjern

ma eżaminax il-vettura u qagħad biss fuq il-mudell, iż-żmien tal-vettura u l-*mileage.* Fuq kollox is-somma finali li għaddiet lill-Gvern ta' Malta wara li l-Ferrari lnbiegħet b'irkant kienet ta' €28,711.98. Jilmenta li bil-likwidazzjoni tal-Ewwel Qorti l-Gvern ikun mar minn taħt fis-somma ta' €36,300.

18. Din il-Qorti ma tara l-ebda bażi sabiex tvarja l-kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti għat-telf li ġarrab ir-rikorrent tal-Ferrari 360 Modena targata BG247NS. Mill-provi jirriżulta li;

- fis-16 ta' Mejju 2008 l-appellat xtara l-vettura Ferrari 360 Modena mertu tal-kawża permezz ta' ftehim ta' *leasing in pagamento per acquisto autovettura* versu s-somma ta' **€75,000**[4] li ġiet trasferita fuq ismu fl-24 ta' Ottubru 2013;[5]

- l-imsemmija vettura kienet reġistrata għall-ewwel darba (*data immatricolazione*) fl-24 ta' Novembru 1999;[6]

- fuq talba tal-*Asset Recovery Bureau* ta' Malta, Peter Bonnici għamel stima datata 20 ta' Mejju 2019[7]. Permezz tal-istess, il-

[4] Fol. 242 tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja
[5] Fol. 241 et seq tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja
[6] ibid.
[7] Fol. 76

‘*current value’* tal-Ferrari in kwistjoni f’Malta ġie stmat **€20,000** (in vista tal-fatt illi kieku kellha tiġi reġistrata Malta kien ikollu jitħallas fuqha taxxa fuq ir-reġistrazzjoni ta’ Lm120,000), filwaqt li l-‘*current value’* tagħha fis-suq internazzjonali ġie stmat **€55,000**. In kontro-eżami jgħid li huwa ra l-vettura tlett darbiet u l-istima tiegħu ħariġha *tale quale* peress li ‘*kien hemm scuffs and damages lil hawn u lil hemm’*.[8] Mistoqsi jekk ikkunsidrax il-valur tal-*additionals* wieġeb li ma ngħatax dik l-informazzjoni u dawn ma jkunux dejjem visibbli bħal per eżempju meta jkunu fil-magna;[9]

- il-Ferrari kienet trasportata l-Ingilterra fit-12 ta’ Ġunju 2019[10] u fil-15 ta’ Awissu 2019 ġiet irkantata mid-ditta *Wilsons*;[11]

- ir-rikavat għall-Gvern Malti mill-bejgħ ta’ din il-Ferrari, wara li tnaqqsu l-ispejjeż tal-irkant, kien ta’ **€28,711.98**;[12]

- sussegwentement, ir-rikorrent ingaġġa lil ċertu Natalino Agius sabiex jagħmel valutazzjoni tal-istess vettura a bażi ta’ informazzjoni dokumentarja. L-istima maħruġa minn dan il-

[8] Fol. 125
[9] Fol. 131
[10] Fol 69
[11] Fol. 64
[12] Fol. 75

konsulent kienet fl-ammont ta' madwar **€80,000**.[13] Fil-valutazzjoni tiegħu speċifika li oltré l-i*specifications* tal-vettura u ritratti tagħha, qies ukoll l-*extras* li kellha li kellhom '*prezzo da listino'* ta' €20,500.

19. Stabbilt dan, din il-Qorti taqbel mal-fehma tal-Ewwel Qorti fis-sens illi fiċ-ċirkostanzi r-rikavat tal-Gvern mill-bejgħ b'irkant ta' din il-vettura m'għandix tkun il-bażi tal-kalkolu tal-kumpens. Dan għaliex:-

(i) oġġett mibjugħ b'irkant mhux neċessarjament jinbiegħ *at market value* inkwantu ħafna jiddependi mill-offerenti f'dak l-irkant partikolari;

(ii) ma jirriżultax li meta l-*Asset Recovery Bureau* bagħtet il-vettura biex tinbiegħ b'irkant Newport, għamlet xi riżerva ta' prezz minimu sabiex tassigura li tirċievi €55,000 skont stima ta' Peter Bonnici. Fil-fatt il-vettura in kwistjoni inbiegħet ħafna anqas; u

(iii) l-*Asset Recovery Bureau* baqa' għaddej bil-bejgħ tal-vettura minkejja li kien jaf bil-kawża.

20. Dwar l-istimi li ngħata r-rikorrent u dik tal-*Asset Recovery Bureau*, hemm diskrepanza ta' €25,000. Mix-xhieda tal-esperti rispettivi din il-Qorti tifhem li fl-istima li għamel Natalino Agius ikkunsidra l-*extras* li kellha l-Ferrari in kwistjoni, liema *extras* kienu jammontaw għal €20,500 (*di*

[13] Fol. 90 et seq

*listino*). Min-naħa l-oħra, Peter Bonnici, li ħejja l-istima għall-*Asset Recovery Bureau,* ma ngħatax *specifications* tal-vettura u għalhekk ikkunsidra biss dawk l-*extras* fejn kienu jidhru, bħal per eżempju *Transmission F1 Electrohydraulic*.

21. Din il-Qorti tqis ulterjorment li r-rikorrent kien xtara din il-vettura fl-2008 għal €75,000. Natalino Agius jgħid li kuntrarjament għal vetturi oħra, dawk tal-marka Ferrari jżommu prezzhom.[14] Peter Bonnici min-naħa tiegħu xehed li:

> *'... Ferrari għandhom it-tendenza ċertu mudelli illi jaqalhom il-valur imbagħad jerga' jibda jitla'.*
>
> *...*
>
> *... Ikun hemm voga għalihom dak il-mudell, qed tifhem. B'karozzi hekk tista' tiġri, especially Ferrari.'*

22. Fiċ-ċirkostanzi l-likwidazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti fis-somma ta' €65,000 hi raġonevoli.

23. L-appellant jikkontendi wkoll li l-ammont ta' €5,000 oħra bħala danni morali huwa ammont eżaġerat tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Il-Qorti ma taqbilx. Jibqa' l-fatt li s-sid tal-vettura baqa' mingħajr vettura, li min-natura tagħha m'hijiex vettura ordinarja. Kull ma qal l-

---

[14] Fol. 92 – 93; 129.

appellant hu li s-somma ta' €5000 hi eżaġerata u waqaf hemm. Fuq sempliċi dikjarazzjoni bħal dik, il-Qorti mhijiex tal-fehma li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni li l-ewwel Qorti għandha fil-likwidazzjoni tad-danni non-pekunjarji.

Għaldaqstant, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-appell huma kollha a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr